MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2014

Avviz Numru. 229/2013

**Fil-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1327/13 fl-ismijiet:**

**Sebastian Muscat**

**vs**

**Marlon Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Marlon Mifsud li gie pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Awwissu 2013 fejn iddikjara:

*"Illi qabel xejn jigi rilevat illi hemm lok illi l-isem tas-sekwestrat esponenti jinqara "Marlo" minflok "Marlon".*

*Illi Sebastian Mifsud intavola l-Mandat ta' Sekwestru odjern kontra l-esponent u dana sabiex jikkawtela l-ammont ta' €11,200 allegatament dovuti mill-esponent lill-imsemmi Sebastian Mifsud bhala arretrati ta' kera fuq El Padre Bar, 33, Triq San Bastjan, Qormi;*

*Illi dan il-Mandat gie pprezentat fil-5 ta' Gunju 2013;*

*Illi l-Mandat odjern huwa wiehed eccessiv u mhux prima facie gustifikat ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-ragunijiet segwenti:*

*Illi qabel xejn jigi rilevat illi l-kawzali li fuqu bbazat il-Mandat odjern huwa inezistenti fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk mhux prima facie gustifikat stante illi l-obbligazzjoni ghall-hlas ta' kera mill-esponent huwa inezistenti stante illi ma giex sodisfatt ir-rekwiziti tal-ligi u b'mod partikolari ma jissussisti ebda lokazzjoni bil-miktub hekk kif stipulat fl-Artikolu 1525 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi kien ghalhekk fil-fatt illi l-esponenti la indika l-perjodu minn meta sa meta qed jippretendi il-hlas ta' kera u lanqas ma pproduca kopja ta' l-iskrittura tal-kera u dana ghaliex dawn ma jezistux. Certament illi prima facie kellha tingab din il-prova sabiex tiggustifika dan il-mandat – liema prova kif intqal ma ngabitx.*

*Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandu jigi rilevat ukoll illi l-esponent Marlo Mifsud lanqas biss kellu pussess u/jew tgawdija tal-fond allegatament mikri lilu. Peress illi kien hemm kont sostanzjali pendenti ma' ARMS Ltd., liema kont kien ir-responsabilta' ta' Sebastian Mifsud biex ihallas u qatt ma hallsu, konsegwenza ta' dan is-servizzi tad-dawl u l-ilma kienu disconnected. Minhabba dan il-fatt is-shutter tal-bieb tal-fond ma setax jiftah ghax kien jahdem bl-elettriku. Allura, minkejja li Marlon Mifsud kellu c-cwievet tal-fond imsemmi, lanqas biss seta' jidhol go fih!*

*Illi effettivament l-pretensjoni li qed titressaq fil-konfront ta' Marlon Mifsud hija imsejsa fuq obbligazzjoni li hija nulla u inezistenti;*

*Illi dan kollu juri illi t-talba ghall-hrug tal-mandat saret b'malizzja u hija frivola u vessatorja.*

*Illi finalment jigi rilevat illi ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta dina l-Onorabbli Qorti tista tikkundanna lil Sebastian Mifsud sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (6,988.12) li jmorru ghand l-esponent u cioe l-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, jekk jikkonkorru wiehed jew aktar mic-cirkostanzi imsemmija fl-imsemmi subartikolu;*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tiddikjara illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1327/13 kien wiehed mhux prima facie gustifikat ai termini ta' l-artikolu 836(1)(d);*
*2. Tordna li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1327/13 jigi revokat kollox u dana ai termini tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*3. Tordna li konsegwentement ghandu jinhareg l-opportun kontro mandat ghall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1327/13;*
*4. Tikkundanna lil Sebastian Mifsud ihallas lill-esponent penali ta' mhux inqas minn elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12) u dana ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1327/13 kontra Sebastian Mifsud u b'riserva ghal kull azzjoni ulterjuri ai termini tal-artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta"*

Rat ir-risposta ta' Sebastian Muscat li gietipprezentata waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2013 fejn eccepixxa s-segwenti:

*1. “Introduzzjoni*
*1.1. Nhar il-5 ta’ Gunju 2013, l-esponenti ipprezenta mandat ta’ sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi quddiem kirjiet dovuti lill-esponenti minghand l-intimat. Il-pretensjoni relattiva fil-mertu giet dedotta konteswalment permezz ta’ kawza ipprezentata quddiem dina l-Onorabbli Qorti li ghandha n-numru: 165/2013FD u tinstab differita ghas-smiegh tal-provi ghal nhar it-13 ta’ Jannar 2013;*

*1.2. Illi fit-12 ta’ Awissu 2013 l-intimat intavola rikors ghar-revoka ta’ tali mandat.*
*1.3. L-esponenti qieghed iwiegeb ghal tali rikors billi jopponi firmament it-talbiet hemmhekk dedotti billi dawn huma infondati kemm ghal ragunijiet ta’ natura legali kif ukoll ghal ragunijiet fattwali kif ser jigi spjegat fil-paragrafi li gejjin;*

*2.* ***Ir-ragunijiet kollha migjuba mis-sekwestrat imorru lil hinn minn ezami prima facie u jistiednu lil din il-Qorti tidhol fil-kwistjoni jew ahjar fl-eccezzjoni taghhom fil-mertu taghhom***

*2.1. Skond gurisprudenza pacifika u kostanti, huwa stabbilit illi l-unika ezami li ghandha taghmel il-Qorti fl-istadju ta’ rikors ghal revoka ta’ mandat kawtelatorju huwa dak ta’ prima facie u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet. Kif ritenut fid-digriet moghti mill-Imhallef Tonio Mallia nhar il-5 ta’ Gunju, 2013 fl-ismijiet* ***<u>Emanuel Sammut et v. Josephine Sammut</u>****<u>:</u>*

*Issa, kif inghad minn din il-Qorti, fil-kawza “****<u>Camilleri vs Gove’ et</u>****”, deciza fl-10 ta’ Mejju, 2001, fuq rikors numru 286/01, “li mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta’ prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f’dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta’ procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.*

*Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellu pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentament jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza." (ara wkoll "**P.J. Sutters Co. Ltd vs Consept Ltd**" deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 2001 u "**Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd**" deciza wkoll minn din il-Qorti fis-7 ta' Frar, 2001).*

*2.2. Analizi tar-ragunijiet fattwali migjuba mis-seksestrat sabiex jimpunjaw il-mandat ta' sekwestru odjern, juru li s-sekwestrati qieghdin jistiednu lil din il-Qorti tinvestiga l-mertu tal-kawza fil-mertu pprezentata mill-esponenti u tiddeciedi issa l-eccezzjoni taghhom ghall-istess kawza;*

*2.3. Jigi rilevat li din hija kawza semplici ibbazata fuq morosita tal-intimat u ghaldaqstant l-esponenti jikkontendi li din l-Onorabbli Qorti ma tistax tiddeciedi l-mertu u timpunja l-kawtela li l-esponenti gie akkordat minn din l-istess Qorti.*

*2.4. Ghal din ir-raguni, it-talba ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru odjern ghandha tigi michuda;*

*3. **Dwar l-artikolu 836 (1) (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta***

*3.1. Is-sekwestrati isejsu t-talba taghhom ghal revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, fost l-ohrajn, fuq l-artikolu 836 (1)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid li mandat kawtelatorju jista' jigi revokat, fis-shih jew in parti, jekk wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;*

*3.2. Fid-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar id-29 ta' Novembru, 2007 fl-ismijiet **Dr. Josette Grech noe v. Int Med Plastering Limited et** gie ritenut illi l-**artikolu 836 (1) (b)** jirreferi ghal xi haga li kienet tezisti fi*

*zmien li kien inhareg il-mandat u li llum ma ghadhiex tezisti;*

*3.3. Allura sabiex is-sekwestrati jiksbu r-revoka tal-mandat in kwistjoni kellhom juru illi meta nhareg il-mandat kontra taghhom kien hemm il-htigijiet li titlob il-ligi izda* ***wara l-hrug ta' tali mandat wahda minn tali htigijiet ma baqghetx tezisti;***

*3.4. Is-sekwestrati ma ippruvaw xejn minn dan. Anzi, ghall-kompletezza ghandu jinghad illi bl-ebda mod ma s-sekwestrati spjegaw il-pretensjonijiet taghhom taht l-artikolu 836 (1) (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta minnnhom invokat.*

*3.5. Ghalhekk certament ma hemmx lok illi l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni jigi revokat abbazi ta' l-artikolu 836 (1) (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*4.* ***Dwar l-artikolu 836 (1) (c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta***

*4.1. Is-sekwestrati isejsu t-talba taghhom ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq l-artikolu 836 (1) (c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid li mandat kawtelatorju jista' jigi revokat jekk ikun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug ta' l-att kawtelatorju;*

*4.2. Skond gurisprudenza pacifika, f'materja ta' garanzija xierqa alternattiva, il-piz tal-prova li jezisti gid iehor li jista' jaghmel tajjeb ghall-pretensjoni ta' l-ezekutant jaqa' biss fuq il-parti ezekutata rikorrenti (ara* **<u>Dr. Tonio Fenech noe v. Dr. Patrick Spiteri pro et noe</u>** *deciza nhar l-20 ta' Frar, 2003 u* **<u>Ryan John Farrugia v. Olive Gardens Investments Limited et</u>** *deciza nhar it-3 ta' Settembru, 2012). Jinstab deciz ukoll illi tali garanzija trid tkun wahda soda, cara u realizzabbli lill-ezekutant (<u>ara</u>* **<u>Ranger Company Limited v. Euro Imports Limited</u>** *deciza nhar l-20 ta' Frar, 2003 u* **<u>Ryan John Farrugia v. Olive Gardens Investments Limited et</u>** *deciza nhar it-3 ta' Settembru, 2012). Apparti minn hekk, irid jintwera illi tali garanzija trid tkun tinstab fi hdan l-istess persuna*

*ezekutata u mhux f'idejn terzi (ara* ***Roberto Carlos Calleja v. Annot Company Limited*** *deciza nhar is-17 ta' Awwissu, 2010);*

*4.3. Fit-tieni lok, jinstab deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell b'sentenza ta' nhar is-6 ta' Ottubru, 1958 fl-ismijiet* ***Carmelo Agius Fernandez et v. Avukat Dr. Filippo Nicolo' Buttigieg*** *illi kwota indiviza u illikwida ta' eredita ma hix garanzija li tista' tigi accettata ghar-restituzzjoni ta' mutwu;*

*4.4. F'dawn ic-cirkostanzi is-sekwestrati naqsu ghal kollox milli jindikaw garanzija alternattiva adegwata, soda, cara u rejalizzabbli kif titlob il-ligi;*

*4.5. Ghalhekk ukoll, it-talba tas-sekwestrati ghandha tigi michuda;*

*5.* ***Dwar l-artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta***

*5.1. Is-sekwestrati jsejsu t-talba taghhom ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju wkoll fuq l-artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid li mandat kawtelatorju jista' jigi revokat jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhumiex aktar mehtiega jew gustifikabbli;*

*5.2. Fil-kuntest ta' din il-bazi legali gie deciz illi s-success jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li mandat kawtelatorju nhareg b'mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex ragonevoli li mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet tal-intimati ezekutanti;* ***Illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh.*** *Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn*

*jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz – ara d-digriet moghti min dina l-Onorabbli Qorti nhar it-3 ta' Settembru, 2012 fl-ismijiet* ***Ryan John Farrugia v. Olive Gardens Investments Limited et;***

*5.3. Anke hawn is-sekwestrat ma jurix kif il-mandat in kwistjoni mhuwiex ragjonevoli jew aktar mehtieg u lanqas ma jghid x'inbidel wara l-hrug tal-mandat li jista' jwassal ghal bdil fic-cirkostanzi mehtieg mill-gurisprudenza sabiex il-mandat jitnehha;*

*5.4. Ghalhekk ma hemm l-ebda raguni taht dan is-sub-inciz sabiex il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni jigi revokat;*

*6.* ***Osservazzjoni ulterjuri – dwar l-artikolu 836 (1) (d) tal-Kapit. 12 tal-Ligijiet ta' Malta***

*6.1. Dan is-sub-inciz jghid li mandat kawtelatorju jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv;*

*6.2. Jinghad minghajr tlaqliq li s-sekwestrat ma ura xejn minn dan. Ma gab l-ebda hjiel ta' prova li l-ammont mhuwiex gustifikat jew huwa eccessiv;*

*6.3. Bhal bqija tar-rikors tas-sekwestrat, din il-bazi legali hija altament infondata;*

*6.4. Il-gurisprudenza tghallem illi l-Qorti tifhem li l-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant*

*siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti.* ***Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b'mod azzardat;***

*6.5. Minn dan kollu, is-sekwestrat ma ura xejn u dana proprju ghaliex jaf illi l-ammont indikat bhala sorte mill-esponenti huwa korrett;*

*6.6. Ghaldaqstant ma hemmx lok li l-mandat jigi revokat fuq din il-bazi;*

*7.* ***Konkluzjoni***
*7.1. Ghaldaqstant u ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tas-sekwestrat kontenuti fir-rikors taghhom ta' nhar it-12 ta' Awwissu, 2013, bl-ispejjez kontra tieghu."*

Semghet lir-rikorrent **Marlon Mifsud** jixhed fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2013 fejn ikkonferma li huwa ippezenta r-rikors odjern sabiex jipprova iwaqqa' l-mandat kawtelatorju li sar kontra tieghu u dan ghaliex principalment stqarr li huwa qatt ma iffirma ftehim mal-intimat dwar kirja ta' bar maghruf bhala Il-Padre Bar gewwa Hal Qormi. Spjega li kien ser jiehu hanut minghandu pero' il-kuntratt fil-fatt qatt ma sar bejniethom. Qal li fl-ewwel jum li fetah il-hanut dan gie maghluq ghaliex sab li ma kellux l-permessi relattivi mill-Awtoritajiet u in oltre marru xi rapprezentanti tal-korporazzjoni Enemalta u qatghulu id-dawl. Huwa ghalhekk kien gharraf lill-intimat b'din is-sitwazzjoni u flimkien marru jkelmu lil tad-dawl u sabu li kien hemm kont li kien ilu pendenti sa mis-sena 2000 li qatt ma thallas. Mistoqsi jekk kienux ftiehmu dwar xi kundizzjonijiet ta' kirja wiegeb li le ma kien hemm l-ebda ftehim. Kuntratt bil-miktub ma kienx hemm u l-hanut inghalaq ghax ma kellux dawl.

Rat illi l-intimat ma deher qatt sabiex jikkontesta it-talba rikorrenti jew sabiex jikkontradixxi dak li effettivament qal

ir-rikorrenti ghalkemm ipprezenta ir-risposta tieghu. Rat illi fis-seduta tal-4 ta Dicembru 2013 l-intimat u l-avukat tieghu ma dehrux sabiex iresqu l-provi taghhom minkejja li dan ir-rikors kien ilu pendenti.

Rat in-nota pprezentata mir-rikorrent nhar l-4 ta' Diembru 2013 li permezz taghha ipprezenta kopja ta' l-avviz relattiv fl-ismijiet premessi fejn l-intimat odjern qed jitlob lir-rikorrent ihallas *is-somma ta' hdax-il elf u mitejn ewro (€11,200) rapprezentanti arrretrati ta' kera tal-fond maghruf bl-isem 'El Padre Bar' u li jgib in-numru ufficcjali 33, Triq San Bastjan, Qormi, liema kirja kienet versu s-somma ta' seba' mitt ewro (€700) u ma thallsitx ghal sittax-il xahar*.

Semghet lill-avukat difensur tar-rikorrenti jittratta dan ir-rikors fl-istess seduta ta' l-4 ta' Dicembru 2013 u jitlob lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**
Jinghad qabel xejn li ghalkemm ir-rikorrenti jippremetti fit-talbiet tieghu illi l-isem tar-rikorrent odjern 'Marlon' ghandu jinqara' 'Marlo' ma saret l-ebda talba appozita fil-proceduri odjerni u peress illi fil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1327/13 fl-ismijiet premessi isem l-intimat f'dak il-mandat huwa 'Marlon', din il-Qorti sejra tippronunzja s-sentenza taghha fil-konfront tar-rikorrent odjern bhala Marlon.

Meta l-intimat li kontrih ikun inhareg att kawtelatorju (u cioe` r-rikorrenti odjerni) jipprocedi skond l-**Art. 836(1) tal-Kap.12** sabiex jitlob ir-revoka *in toto* jew *in parte* tal-att, huwa obbligat biss li jressaq it-talba tieghu permezz ta' rikors u jsostni t-talba skond xi wahda mir-ragunijiet li huma elenkati minn paragrafi **(a)** sa **(f)** tal-istess **Art. 836(1**). Skond il-ligi ir-rikors m'ghandux ghalfejn ikun mahluf.

Fil-kaz in esami, ir-rikorrenti ressaq t-talba tieghu abbazi ta' wiehed mir-ragunijiet indikati fl-**Art. 836** tal-Kap.12 u cioe` il-paragrafu **(d)** li jghid:

*'jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv'.*

L-**Art.836(8) tal-Kap.12** jaghti lill-Qorti diskrezzjoni li timponi penali kontra l-persuna li tkun ipprezentat l-att kawtelatorju a favur tal-persuna li kontriha jkun gie presentat l-att f'numru specifikat ta' kazi li huma ndikati minn paragrafu **(a)** sa **(d)** tal-istess sub artiklu.

Ir-rikorrenti qed jghid li din il-Qorti ghandha timponi penali abbazi tal-paragrafu **(d)** u cioe':

*'jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja'.*

Hemm imbaghad l-**Art. 838A** tal-Kap.12 li jghid:

*'Il-Qorti tista', meta tintwera kawza gusta ghal dan malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug ta' l-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-Qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju'.*

Huwa ben evidenti li f`dan il-procediment ir-rikorrenti xehed viva voce il-Qorti u esebixxa b'nota kopja tal-avviz li l-intimat kien ipprezenta kontra tieghu u liema mertu ghadu sub judice, liema provi jiskonfinaw fil-kwistjoni tal-mertu ta` bejniethom aktar milli jincidu direttament fuq l-istanzi taghhom fil-procedura tal-lum.

Issa fl-accertament tat-talbiet tar-rikorrenti ghall-fini ta`dan il-procediment, l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' *prima facie* u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-ezami li trid taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza propja. (PA/RCP – **"Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co Ltd"** tas-7 ta' Frar 2001 u PA/JRM – **"Mediterranean Flower Products**

**<u>Limited vs Flower Power (Sales) Limited</u>”** tat-30 ta' Dicembru 2008). Jispetta lir-rikorrenti li jaghmel l-prova tat-talbiet tieghu ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru de quo u tat-talbiet l-ohra relatati. *In ogni caso*, f`dak li sejra tipprovdi llum, din il-Qorti bl-ebda mod ma ghandu xi hadd jifhem li qeghda tippronunzja ruhha dwar il-mertu.

*Prima facie* jirrizulta hekk:

1) Fil-kawzali tal-mandat kawtelatorju de quo numru 1327/13 (li kopja tieghu jinsab esebit fl-atti a fol. 15) fl-ismijiet '**<u>Sebatian Muscat vs Marlon Mifsud'</u>** hemm indikat li l-intimat odjern qed jitlob bhal kawzali l-ammont ta' hdax-il elf u mitejn ewro rapprezentanti arretrati ta' kera ghal fond bl-isem 'El Padre' Triq San Bstjan, Qormi. Illi pero' f'dan l-mandat ma hemmx indikat ghal liema perjodu qed jintalab dan l-ammont u ma hemmx dubbju li dan l-ammont huwa ghal kollox kontestat u dan primarjament ghaliex r-rikorrent isostni li in verita' kirja qatt ma kien hemm, ma kien hemm l-ebda kuntratt bejn il-partijiet u meta ir-rikorrent fetah il-hanut fl-ewwel jum innota li l-fond ma kienx kopert bil-licenzji relattivi minghand l-awtoritajiet koncernati u in oltre li kien hemm kont tad-dawl u tal-ilma li kien ilu ma jithallas sa mis-sena 2000 u kien ghalhekk li l-fond inghalaq minnufih.

2) Illi l-intimat ma ressaq l-ebda prova sabiex jikkontradixxi dak li allega ir-rikorrent odjern u fil-fatt lanqas ma xehed hu stess f'dawn il-proceduri. Strah biss fuq ir-risposta tieghu li lanqas ma kienet guramentata.

Illi ghaklhekk fid-dawl tas-suespost u fid-dawl ta' nuqqas ta' provi mressqa mill-intimat, it-talba tar-rikorrent sabiex jigi dikjarat li l-mandat ta' sekwestru Kawtelatorju numru 1327/13 mhux gustifikat ai termini tal-**Artikolu 836 (1) (d)** prima facie ghandha tigi milqugha. In oltre din il-Qorti konsegwentement ghandha tilqa' wkoll it-talba tar-rikorrent sabiex tordna il-hrug ta' kontro-mandat opportun ghal mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1327/13.

Jibqa' pero' sabiex jigi deciz in vista ta' dak li gja gie deciz, jekk din il-Qorti ghandhiex tilqa' ir-raba talba tar-

rikorrent u cioe' li tikkundanna lill-intimat ihallas penali lir-rikorrent ai termini ta' l-**Artikolu 836(8) tal-Kap 12**.

**PRINCIPJI LEGALI.**

Illi b'effett tal-Att XXIV tal-1995, l-**Artikolu 836 (9)** li jirreferi ghas-sub artikolu **(8)** indika l-kazi ad hoc fejn persuna tista' taghmel citazzjoni kontra l-persuna li fuq talba taghha jkun inhareg il-mandat kawtelatorju, sabiex ihallas dawk id-danni lil dik il-persuna, li hija setghet garrbet bil-hrug tal-mandat u l-kazijiet indikati huma ai termini tas-subartikolu **(8)** u **(9)** is-segwenti:

"(a*) jekk ir-rikorrent ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stipulat mill-ligi;*

*(b) jekk, fuq it-talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew fi zmien hmistax-il jum qabel ma sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurita' bizzejjed. Izda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raguni ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat;*

*(c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita' tieghu u dwar il-kapacita' finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew;*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola, jew vessatorja*".

Illi fis-sentenza "**<u>SN Properties Limited vs George Camilleri</u>**" (Prim'Awla (RCP) 6 ta' Gunju 2000) din il-Qorti sostniet li "*minn ezami tal-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikoli, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa ntiz, sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza kostanti ezistenti qabel il-promulgazzjoni tal-istess emendi, ma jkunx hemm*

*abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana*".

Illi fl-opinjoni ta' dik il-Qorti tali kazijiet m'eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni fuq Qrati tal-Gustizzja riferita fis-sentenzi citati ai termini tal-**Artikolu 1031 tal-Kap 16**, dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero' in verita' u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta' mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess **Artikolu 836 (9).** Dan ghaliex l-istess artikolu introdott bil-ligi tal-1995, ikkodifika u applika l-principji elenkati fil-gurisprudenza ta' qabel in materia, dwar l-ezercitazzjoni ta' azzjoni ta' danni wara l-hrug ta' mandat kawtelatorju, u minn ezami ta' l-istess ragunijiet hekk elenkati, huwa difficli li wiehed jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati fl-istess **artikolu 836**, fejn l-azzjoni in generali tista' tirnexxi".

Illi l-posizzjoni dwar kawza ta' danni b'konsegwenza diretta ta' intavolar da parte tal-intimati ta' rikors ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju (f'dak il-kaz mandat ta' sekwestru) gie trattat fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri</u>**" (Prim' Awla (J.S.P.) 10 ta' Jannar 1992) fejn gew rijaffermati s-segwenti principji:

"(a) *Illi huwa principju fondamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju jkun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbati haddiehor, in omagg ghall-massima "qui suo iure utitur, non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin ma ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel.*

(b*) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat.*

*(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti."*

"*Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca" ("**Demajo vs Page**" -Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24. 1. 1895) Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghall-diversi interprettazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom.*

*(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' ("**Emanuele Calleja vs Carmelo Grima**" -A.C. -XXXIX. I. 24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpusa ("**Agius vs Dott.Carbone nomine**" -XIII. 434 10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "priva di fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite". ("**Mugliette vs Bezzina**" -XXVI. I. 405).*

*(e) Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:-"Il diritto cessa dove comincia l'abbuzo … … riteniamo che basta, per prottegere tutti l-interessi che ne sono degni, per dare una base* giuridica alle diverse decisioni che provocano bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti".

Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi "chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnita' al suo avversario…..". (**Baudry - Lacantinerie. – Trattato Prattico di Diritto Civile -Delle Obligazioni**-Vol. VI. Pg. 560).

Illi dan ifisser illi dak li l-Qorti trid tara f'dan l-istadju tar-rikors huwa jekk l-intimat kellux prima facie bazi guridika li

fuqha seta' jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju, u dan fid-dawl tal-principju li d-dritt per se ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandu bl-ebda mod jigi pregudikat, u wisq inqas id-dritt ta' persuna li tipproteggi l-interess taghha sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-istess Qorti. Illi minn dan isegwi li anke jekk jigi determinat fil-pozittiv li r-rikorrenti kellu dritt jagixxi sabiex jissalvagwardja il-pretensjonijiet tieghu, kif intqal fid-decizjoni "**Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Ltd**" (Prim' Awla (RCP) 7 ta' Frar 2001)

*"Illi ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjeta' intimata ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawza u fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu". Ta l-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet* "**Cammast Ltd vs Joseph E Gauci et**" – Prim' Awla (RCP) 31 ta' Mejju 2000.

Illi dan il-mandat ta' sekwestru ghadu in vigore u hu appuntu ghalhekk li sar dan ir-rikors sabiex din il-Qorti tikkundanna lill-intimat jhallas il-penali peress illi fil-fehma tieghu dan l-att huwa frivolu u vessatorju.

Illi ghalkemm din il-procedura mhijiex wahda li ghandha tigi inkoraggita, u cioe' li mandat jigi prezentat flok iehor taht l-istess pretest, anzi ghandha u qed tigi censurata, b'daqshekk ma jfissirx li ghandha tigi applikata l-penali stabbilita ai termini tal-**artikolu 836 (9) tal-Kap 12** f'kull kaz, u dan qed jinghad ghaliex l-imposizzjoni tal-istess penali mhijiex awtomatika izda tiddependi mid-diskrezzjoni tal-Qorti, ovvjament tenut kont tal-fattispecie tal-kaz in ezami.

Illi in effetti din il-Qorti thoss li m'ghandhiex tapplika din il-penali hemm stipulata fil-ligi. Principalment minhabba il-fatt li jidher li f'dan il-kaz ma jidhirx li kien hemm konsegwenzi gravi ghall-istess hrug ta' mandat oggett tal-kawza odjerna, tant li r-rikorrent baqa' ma gab l-ebda prova dwar l-allegati danni minnu sofferti.

Konsegwentment ir-raba' talba tar-rikjorrenti qed tigi michuda.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti in vista tal-premess qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat salv dik li titratta dwar il-hlas ta' penali u tilqa' l-ewwel tlett talbiet tar-rikorrent u tichad ir-raba' talba tar-rikorrent billi tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1327/13 ma kienx wiehed prima facie gustifikat ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tordna li l-istess mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1327/13 jigi revokat ai termini tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u b'hekk tordna il-hrug tal-kontro mandat opportun ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1327/13 immedjatament a spejjez ta' l-istess intimat.**

**L-ispejjez ta' dan ir-rikors huma a karigu tal-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------